# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Diċembru 2021**

**Talba Nru: 135/21 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Admir Aljic kif rappreżentat mill-mandatarju specjali tiegħu l-Avv. Etienne A. Calleja**

**Vs**

**Esports Tech Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2021, permezz ta' liema, l-atturikif rappreżentat, talab li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas l-ammont ta' elfejn, ħamsa u ħamsin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€2055.29) oriġinarjament mitluba f'dollari Amerikani fl-ammont ta' elfejn, erba' mija, sitta u tmenin Dollaru Amerikan u tnejn u tletin ċenteżmu ($2486.32), rappreżentanti servizzi mogħtija mill-attur hekk kif aħjar deskritt fl-istess Avviż tat-Talba[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż[2];

Ra n-nota kontententi prokura speċjali[3];

Ra li s-soċjetá konvenuta ġiet debitament notifikata[4] iżda la ppreżentat risposta fit-terminu li trid il-liġi u lanqas rreġistrat dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġiet dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021[5];

Ra x-xhieda tal-attur magħmula permezz t'affidavit[6];

Ra n-nota kontenenti l-korrispondenza msemmija fl-affidavit tal-attur[7];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, is-soċjetá konvenuta f'dawn il-proċeduri naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li kienet waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

---

[2] Dok A u Dok B eżebiti a fol 3 u 4 rispettivament.
[3] Nota relattiva tinsab a fol 10 tal-proċess. Erronjament din ġiet ippreżentata darbtejn.
[4] Timbru relattiv jinsab *a tergo* ta' fol 16.
[5] A fol 15.
[6] Nota relattiva tinsab a fol 20 tal-proċess.
[7] Nota relattiva tinsab a fol 24 tal-proċess.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[8].

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mill-attur m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[9] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

Illi madanakollu t-Tribunal ma qiesx li għandu jilqá t-talba għall-imgħax kif mitluba. Ma jirriżultax li s-servizz reż kien wieħed bejn intrapriżi kummerċjali. Jirriżulta li s-soċjetá konvenuta tista' titqies atkar bħala konsumatur, u għalhekk l-artikoli rilevanti tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx[10].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lill-attur s-somma ta' elfejn, ħamsa u ħamsin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€2055.29) bl-imgħax legali mis-7 ta' Mejju 2021[11] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

8 *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

9 L-ammont indikat, kif speċifikat fid-dettal fl-Avviż tat-Talba jirriżulta ppruvat mid-dokumenti annessi. Apparti minn hekk irid jingħad li mid-dokumentazzjoni eżebita jirriżulta li persuna fi ħdan is-soċjetá konvenuta ukoll ammettiet li l-ammont kien sejjer jitħallas. *Vide* fost oħjran foll 25, 27, 28 u 29. F'din ta' l-aħħar hemm indikat li l-pagament kellu jsir l-għada tal-korrispondenza u ċioé fit-28 ta' Jannar 2021. Addirittura fid-29 ta' Jannar 2021 hemm miktub li l-ħlas kien sejjer isir dakinhar. Minn dakinhar huwa ċar li l-pagament ma seħħx.

10 F'dan ir-rigward huwa applikabbli dak li jgħid u jrid l-artikolu 26B tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

11 Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba a tenur tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.